**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Jannar, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Jennifer Adams, detentrici tal-karta tal-identita numru 431957M.**

Kumpilazzjoni Nru. 761/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Jennifer Adams talli:

1. Fil-5 ta' Ġunju, 2012, u fix-xhur ta' wara fl-istess sena, f'Malta u bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, impjegat jew tat xogħol lil persuna li ma kienx/ma kenitx persuna eżenti u li ma kelliex liċenzja mogħtija lilha għal dak l-impjieg jew xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess ċirkostanzi, bħala persuna responsabbli li kien qed isir f'Malta, impjegat persuna li ma kienitx ċittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kelliex permess validu u uffiċjali; u

3. Fl-istess ċirkostanzi bħala prinċipal jew persuna li timpjiega persuni oħra, full-time, part-time jew xort'oħra, b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqset li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993(3a sa 10).

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi l-imputata tinsab akkuzata primarjament b'reati kontra l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Illi l-**Ispettur Edel Camilleri** xehdet l-ewwel darba f'Settembru, 2013, quddiem din il-Qorti diversament preseduta, minn fejn jirrizulta li wara li kienet saret sorvelljanza fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fuq certu Lihi Siv, ta' nazzjonalita` Israeljana, wara li kien suspettat qed tbiegh *tour packages* meta ma kienitx impjegata regolarment, din giet arrestata mill-pulizija. Irrizulta li Lihi Siv kienet impjegata minghajr *work permit* ma Supreme Travel u kienet appellat kontra *removal order* mahrug mill-Pulizija. Siv kienet infurmat lill-pulizija li riedet taghti informazzjoni dwar impjieg li kellha xi snin qabel ma certu Kevin Zammit Briffa tal-Captain Morgan Cruises u Jennifer Adams, l-imputata. Hi semmiet il-perjodu bejn il-5 ta' Gunju, 2012 sa Awissu, 2012. Siv stqarret mal-pulizija li hi kienet tithallas percentagg ta' flejjes talli tbiegh *packages* lil turisti Israjeliti u li kienet tahdem mal-azjenda ta' Adams, Special Delivery Travel Agency. Ikkonfermat li ma kellhiex permess ta' xoghol ghal dak il-perjodu.[1] L-ispettur tghid li hadet stqarrija lil Jennifer Adams fejn l-imputata ghazlet li ma tirrispondi ghall-ebda domanda li sarritilha.[2] In kontro-ezami irrizulta li dwar Lihi Siv kienu saru bosta rapporti minn terzi li din kienet qed tahdem illegalment f'Malta. Hi kienet infurmat lill-ispettur *"Li kull package li kienet ha taghmel kienet ha tithallas 10%....Tawha sitt mitt ewro...Tathomla Jennifer Adams...Tahthomla cash...Captain Morgan ukoll kien ihallasha...cash"*.[3] Dwar l-involviment ta' Captain Morgan Cruises l-ispettur tghid li minn dak li qaltilha Siv l-imputata u Captain Morgan Cruises, permezz ta' Kevin Zammit Briffa kellhom arrangament bejniethom.[4]

In kontro-ezami l-Ispettur Camilleri kkonfermat li kienet mexxiet fil-konfront ta' Kevin Zammit Briffa rigward l-istess fatti mertu ta' din l-akkuza, anzi li l-akkuzi kienu identici u dwar l-istess fatti. L-ispettur ma ftakrietx li f'dawk il-proceduri Kevin Zammit Briffa kien anke ta x-xhieda

[1] Fol.11
[2] Fol.12. Vide stqarrija a. fol. 5-6
[3] Fol.17-18
[4] Fol.17

tieghu[5] filwaqt li kkonfermat li kienu ttiehdu proceduri anke fil-konfront ta' Nazzareno Abela wara li Lihi Siv inqabdet tahdem irregolarment ma' Supreme Travel u dan minkejja li kienet inneggat dan.[6]

Illi **Lihi Siv** xehdet ghall-ewwel darba f'Settembru, 2013, quddiem din il-Qorti diversament preseduta u stqarret li kienet giet Malta f'Gunju, 2012, meta l-imputata *"She brought me to work with her but she sell, she give me to work with Captain Morgan, she get from Captain Morgan 15 a head for all the people she brought.....They come for holiday in Malta, I was working for Jenny Adams like her rep.....Rep is I go to the airport, she give me the flights."*[7] Ix-xhud tghid li Adams kienet tibghatilha lista ta' nies li kellha tiltaqa' maghhom l-airport u din kienet tmur permezz ta' taxi mibghuta minn Captain Morgan. Waqt li x-xhud kienet tahdem mal-azjenda Special Delivery Travel tghid li meta wasslet Malta fil-5 ta' Gunju, 2012, *"Mike* [l-partner tal-imputata] *took me with his car to Fortina Hotel he told me this is the Hotel which you will live in, Captain Morgan give us she told me like this, I am your boss but I get from Captain Morgan the car for you, the hotel and I also get 50 Euro each head for the people who coming..."*[8]

Mistoqsija jekk qatt ircevietx flus minghand l-imputata twiegeb fl-affermattiv izda izzid *"I want to tell you its not all the time with her it was also with Captain Morgan."*[9] Dwar min effettivament kien ihaddimha tghid *"It is not only Jenny Adams they make also with Captain Morgan, she brought me to Malta and she told me that she is my boss and I get a lot of things from Kevin from Captain Morgan. Because of this a lot of time every month she give me 600 Euro...She explained in Israel 3rd of June 2012 what will be the situation here. I meet her in Israel she told me Lihi you get a place, a car, 600 and a percent I want you to make a lot of money. This also from all the money I make she get from Captain Morgan 5% plus 15 Euro per head."*[10] Tghid li kienet taf bl-arrangament bejn l-imputata u Captain Morgan ghax kienet l-imputata li nfurmata b'dan.[11] Ix-xhud ipprezentat diversi dokumenti li juru ismijiet ta' passiggieri fuq titjiriet partikolari[12] fosthom dokument a fol. 51 mibghut mis-segretarja ta' Special Delivery Travel lil Captain Morgan (inkluz Kevin@captainmorgan.com.mt).

[5] Fol.135
[6] Fol.139-140
[7] Fol.24
[8] Fol.26
[9] Fol.27
[10] Fol.28
[11] Fol.29
[12] Fol.31-57

Lihi siv esebiet ukoll tlett dokumenti *"With Compliments"* mahruga minn Special Delivery li fuqhom hemm indikat li dawn inghataw flejjes rapprezentanti *"Liquidation"* tal-ammonti migbura minn Siv.[13] Dokumentazzjoni ohra li fuqha hermm riferenza ghal Island Sightseeing Limited u li tirrigwarda *Cash Control Sheet (Drivers & Ticket Seller Sales)* li jidhu *endorsed* minn xi hadd ghan-nom ta' Captain Morgan Cruises Ltd ukoll gew esebiti mill-istess xhud.[14] Dawn id-dokumenti huma evidenza <u>li tul il-process kollu Captain Morgan Cruises kienu involuti direttament fix-xoghol li kienet qed tizvolgi Lihi Siv.</u>

Illi Lihi Siv regghet xehdet quddiem din il-Qorti kif preseduta fejn regghet irrepettiet kif kienet ltaqghet mal-imputata li gabitha Malta. Dwar l-arrangament li l-imputata kellha ma Captain Morgan tghid *"<u>They have something between them about money</u> because she has not enough money to give me accomodation and it is not my problem what they have between them...she told me he will give you accomodation...Captain Morgan, Kevin Zammit Briffa...But he pay me the accomodation because the accomodation and she will get for this five per cent (5%) of what I am selling. OK? And she has ten to fifteen per head for every tourist who come from Israel...She told me, she is the boss and if something happened at Captain Morgan to tell her first..."*[15] Siv tispjega kif appena waslet Malta <u>siegha wara ltaqghet ma Kevin Zammit Briffa u mal-imputata gewwa l-Hotel Fortina</u>. Tghid li kellha zewg bosess u li gieli thallset minghand Zammit Briffa u drabi ohra minghand l-imputata.[16] Tikkonferma li fl-erba xhur li kienet qed tahdem maghhom l-imputata hallsitha darba u tlett darbiet ohra thallset minn Kevin [Zammit Briffa]. Siv tibqa tinsisti li *"I don't know what they have between them."*[17] Mill-flus li kienet tghaddi lill-imputata kienet tithallas 10%[18] u dawn kienu flus ta' bejgh ta' vjaggi fuq Captain Morgan ghalkemm *"My books were of Special Delivery"*[19] Ix-xhud qalet li il-klijenti kienu jhallsu lilha u hi kienet tghaddi l-flejjes lil Adams jew lill-ufficju ta' Captain Morgan.[20] In kontro-ezami tikkonferma li kienu darbtejn l-okkazzjonijiet meta ghaddiet xi flejjes lill-imputata,[21] kif ukoll li Adams kienet tibghatilha l-lista tal-passigieri fuq l-

---

[13] Fol.63-65
[14] Fol.69-76
[15] Fol.114-115
[16] Fol.116
[17] Fol.117
[18] Fol.119
[19] Fol.120
[20] Fol.122
[21] Fol.123

email ta' Captain Morgan[22] Siv tikkonferma li d-dokumenti a fol.66-76 *"This is the money, what I bring for the sales...To the office of Captain Morgan."*[23]

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation xehed li l-work permit ghal Lihi Siv qatt ma seta' johrog galadarba din kienet instabet tahdem minghajr *work permit*.[24] L-istess xhud rega' xehed in kontro-ezami u kkonferma li kienet saret applikazzjoni biex Captain Morgan ihaddmu lil Lihi Siv: *"kien hemm il-Captain Morgan Cruises li applikaw biex imbaghad baghatulna kommunika li ma kienux ghadhom izjed interessati li l-application ghal licenzja inkomplu nipprocessawha.....re application to work with Captain Morgan as Tour Operating Manager please note that our company is no longer interested to emply Miss....L-application ircevejniha ahna 27th July, 2012 ghan-nom ta' Captain Morgan Cruises li hija go Ta' Sliema."*[25] Ix-xhud jaghmel osservazzjoni interessanti ferm meta jghid *"Le employer wiehed biss ta' job wiehed. Fil-fatt hija illegali li jkollok full time u part time bl-istess occupation ma' l-istess employer...*[ghal l-istess job]..*Employer wiehed."*[26] Jikkonferma li Siv qatt ma kienet impjegata ma Special Delivery Ltd.[27]

Illi giet esebita s-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Kevin Zammit Briffa"**[28] li tirrigwarda akkuzi identici dwar l-istess fatti ghal dawk li tinsab mixxlija dwarhom l-imputata odjerna.[29] F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li huwa impjegat mal-kumpanija Captain Morgan Cruises bhala General Manager li jiehu hsieb id-*day to day running* tal-kumpanija. Xehed li l-kumpanija li jahdem maghha tiehu grupp ta' nies li jigu mill-Izrael u l-agenzija li tibghathom riedet li jkollhom gwida li titkellem bil-Lhudi u b'hekk intbaghtet Lihi Ziv mill-istess kumpanija. Huwa xehed li Ziv qatt ma kienet impjegata mal-kumpanija. Huma riedu jaraw x'issarraf u bdew jaghtuha float u commission sakemm jiddeciedu hiex tajba ghax-xoghol. Kienet maghhom bhala prova. Mistoqsi in kontro-ezami jekk dan il-fatt ingiebx a konjizzjoni tal-ETC u t-Tourism Department huwa rrisponda li ma kienx jaf ghaliex ma kienx kompitu tieghu.

Illi mill-provi akkwiziti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha sal-grad rikjest mil-ligi. Infatti jirrizulta li Lihi Ziv kienet qeghda twettaq xoghol ghal-kumpanija Captain Morgan Cruises Limited billi tbiegh l-eskursjonijiet, bhala gwida turistika u xi kultant anki ssuq *jeeps.* Ir-relazzjoni taghha mal-kumpanija bdiet fil-5

---

22 Fol.127
23 Fol.128
24 Fol.87
25 Fol.146-147
26 Fol.151
27 Fol.152. Vide ukoll Dok. JS fol.153
28 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr Josette Demicoli; Dec. 25.04.2016
29 Dok. AC, fol.141 et seq.

ta' Gunju 2012 u damet ghal diversi xhur wara. Inoltre' f'Awwissu tal-istess sena din l-istess kumpanija applikatilha ghal *working permit*[30].

Irrizulta wkoll li l-imputat ta struzzjonijiet dwar ix-xoghol li kellha taghmel u li hallasha diversi drabi huwa. Mhux kredibbli li jinghad li hija kienet dak iz-zmien self-employed tant huwa hekk li ftit xhur wara li bdiet tahdem mal-kumpanija saret applikazzjoni mal-ETC ghal work permit mil-liema huwa car li hija kienet se tkun impjegata tal-kumpanija. Irrizulta wkoll li fil-perjodu inkwistjoni li Lihi Ziv ma kellhiex il-permess biex tahdem u li l-imputat kien ben konsapevoli li ma kellhiex tali permess…..

Illi kif diga gie rilevat irrizulta li l-imputat huwa *general manager* tal-kumpanija li tat xoghol lil Lihi Ziv, cittadina Izraeljana, meta din ta' l-ahhar ma kellhiex permess biex tahdem f'Malta. Huwa proprju minhabba dan l-artikolu tal-ligi appena citat li ma jistax jintlaqa' l-argument tad-difiza li l-imputat ma jistax jinstab hati ghaliex huwa m'ghandux kariga ta' rapprezentant legali tal-kumpanija. Irrizulta wkoll li l-imputat kien a konoxxenza li l-istess Lihi Ziv ma kellhiex il-permess necessarju u ghalhekk irrizulta li huwa ma hax il-prekawzjonijiet kollha biex dan ir-reat ma jitwettaqx mill-kumpanija. Din il-Qorti lanqas ma tista' taccetta d-difiza li Ziv kienet imposta fuq il-kumpanija u li hija bdiet topera bhala self-employed. Dan ma rrizultax. Dak li rrizulta huwa li hija kienet tithallas l-ammont ta' €600 fix-xahar, li kellha l-akkomodazzjoni imhallsa, kellha petrol u food allowance u kienet tithallas ukoll commission fuq il-bejgh tal-eskursjonijiet. ….

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 4, 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Illi l-imputata ghazlet li tixhed u spjegat li hi l-uniku direttur fil-kumpanija Special Delivery Ltd. li tiffunzjona bhala *Destination Managment Company* fejn jiehdu hsieb turisti ghal agenti barranin minn x'hin jasslu Malta sa x'hin jitilqu mill-pajjiz nkluz pre-booking ta' lukandi u servizzji ohra. Is-suq Israelit hu dak li huma specjalizzati fuqu. Spjegat kif Lihi Siv kienet cemplitilha waqt li kienet l-Israel u gie deciz li jiltaqaw fejn spjegatilha ix-xoghol li kien mistenni minnha. Tixhed li *"U spjegajtilha li jiena dak it-tip ta' xoghol fejn ikolli rapprezentanta barranija tmur tara lin-nies, tilqahom l-Airport tbihhilhom it-tours u hekk I had outsourced that part of the business to a company called Island Sightseeing ISS li hija parti mill-Captain Morgan, Fortina Hotels, dak il-group....I had outsourced the part of the business where the clients are met at the Airport, put on a coach, taken to the hotel, sold tours.... Ghandi kuntratt imma marbuta."*[31] Dan il-kuntratt kien sar ma' Edward Zammit Tabona in rapprezentanza ta' *"Island Sightseeing li hija parti mill-Captain Morgan, Fortina Hotel, dak il-group, u dan kien xi tliet xhur qabel jew erba' xhur qabel ma dahlet Lihi Siv fl-istorja..."*[32] Il-Qorti ordnat li kopja ta' dan il-kuntratt jigi esebit bhala Dok. JAX u jirrizulta li dan id-dokument intitolat *'Private Writing' bejn Island Sightseeing Ltd u Special Delivery Ltd.*, sar nhar it-8 ta' Marzu, 2012.

---

[30] Dok LZ8 a fol 106 et seq tal-process

[31] Fol.160-161

[32] Fol.162

Illi l-imputata tkompli tispjega li kien l-obbligu ta' ISS li jgib il-work pernits ghal Siv. *"L-obbligu tieghi kien biss li ntihom access ghal klijenti....Jiena ghidtilha lil Lihi li I had outsourced the business u li jkollha taghmel interview ma' Captain Morgan jew Island Sightseeing u jekk huma jacettaw jien ma nsib l'ebda' oggezzjoni. Din giet Malta, marret ghall-interview, infatti mort jiena wkoll, ergajna spjegajnielha li tkun qed tahdem mall-Captain Morgan jew mall-Island Sightseeing jigfieri ghax huma interchangeable...They are owned by the same people. Island Sightseeing was sort of, not sort of it encompassed the open top buses, whereas Captain Morgan has the cruises, but they belong to the same group. She went to the interview, she was accepted and she started working for Island Sightseeing/Captain Morgan, and we would send as we still do, the rooming list the names of the people arriving by e-mail to Captain Morgan, Captain Morgan would distribute it to Lihi, to whoever, in this case it was Lihi. Lihi was seeing our clients through Captain Morgan and for a while everything was okay except she used to phone us, used to phone me or my partner who is also here and she used to say listen please can I give you the money that I have collected because I am afraid to leave it in the hotel overnight."*[33]

Dwar jekk Captain Morgan kienx ghadda lill-imputata xi salarju sabiex dan jigi sussegwentement mghoddi lil Siv, l-imputata hi kategorika u cjara fir-risposta taghha: *"No ghandi car u tond fil-kuntratt, ghalfejn nidhol f'dawn l-affarijiet mhux kompitu tieghi..... l-fatt hu li giet u hallset il-flus, mhux hallset qaltilna biex inzommuhomlha biex nghadduhom lil Captain Morgan ahna ghax bezghet thallihom overnight fil-lukanda. Infatti wahda mir-receipts tinnota it is actually marked Sunday. U ohrajn kienu bil-lejl. Gieli darba jew darbtejn halliethom mieghi u xi darbtejn halliethom ma' Mike li qieghed hawn ukoll biex jghidlek... hi ddecidiet li ma tridtx la thallihom fil-kamra u lanqas thallihom fis-safe."*[34]

Illi l-imputata tghid li kellha ttemm l-impjieg ta' Siv wara li *"ghall-ahhar ta' July beginning of August irceviet e-mail minghand l-agent barra fejn qalli li Lihi had lost her temper with a client and that wasn't the bad part of it, the client had lost her son in a suicide bombing and Lihi told the client I am glad your son died in a suicide bombing, so I had to tell Captain Morgan to stop her you know.....*

[33] Fol.162-163
[34] Fol.164

*Ghidtilhom zommuha jekk tridu ma' xi hadd iehor imma mhux mall-klijenti tieghi."*[35]

Illi fir-rigward tad-dokumenti esebiti minn Siv li juru ismijiet ta' passigieri fuq diversi titjiriet tghid li *"Ahna nkunu baghtna din il-lista lil Captain Morgan. Captain Morgan ikunu ghadewha lil Lihi kif per ezempju llum jghadduha lil min ghandhom impjegat, u hawn hafna tharbix hawnhekk li huwa miktub minn xi hadd iehor, jiena naf li huwa l-handwriting ta' Lihi imma minix esperta. .... Ahna nkunu bghatnieha lil Captain Morgan jew lil Island Sightseeing imbaghad huma jqassmuha lil min ha jitla' l-Airport. L-istess, imbaghad hawnhekk din giet esebita minn Lihi stess."*.[36] Fir-rigward tal-slips bil-kliem "With compliments" tghid hekk *"Receipts ta' flus, ta' liquidation 1458 li dawn il-flus ahna nkunu ghadejnihom lil Captain Morgan....Yes tkun bihhet il-prodotti tal-Captain Morgan."*.[37]

Illi l-iskrittura privata esebita mill-imputata tipprovdi:

*"10. That the sales representative shall wear SDL's attire and shall operate under the control and direction of the Parties.*

*11:That the Sales Representative shall be a Hebrew-speaking person* ***employed and remunerated by ISS****...*

*17. That ISS* ***shall enter into an employment contract*** *with the Sales Representative in virtue of which ISS shall employ the Sales Representative and* ***shall be responsible to pay that person a monthly, net salary*** *of a maximum of seven hundred and fifty Euros (€750).* ***ISS shall enter into an employment contract with the Part Time Sales Representativ****e. ISS shall be responsible to pay the Part Time Sales Representative a monthly salary in the amount as agreed between the Part-Time Sales Representative and ISS.*

*18. That* ***the employment contract*** *beteen ISS and the Sales Representative .....*

*24. That ISS shall pay the Sales Representative a ten per cent (10%) commission of the sale value (including VAT) of all sales of the Products and Services that are sold to the Tourists through his/her efforts which shall consist of payment of €10 (ten Euros) on every €100 sold by the Sales Representative."*[38][emfazi tal-Qorti]

Illi Michael Done xehed li hu kien il-partner tal-imputata u jaf lil Lihi Siv, li kienet impjegata ma Captain Morgan, ghaliex *"Lihi looked after Jenny's clients, Jenny brings clients in from Israel and Lihi would service them."*[39] Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq id-dokumenti a fol. 63-64 bhala *"a liquidation which Lihi*

---

[35] Fol.165
[36] Fol.166-167
[37] Fol.167
[38] Fol.178
[39] Fol.180

*must have brought to Jenny's office and Jenny wasn't available to keep the money for her, she didn't want to leave it in the hotel so Jenny would safeguard it for her."* Jghid li dawn l-ammonti kienu dovuti lil Captain Morgan.[40]

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-evidenza migbura u partikolarment l-iskrittura privata li saret bejn Island Sightseeing Limited u Special Delivery Limited. Ghalkemm il-Qorti hi perplessa ghaliex l-imputata ghazlet li ma tgharraf xejn b'din l-iskrittura fil-kors tal-investigazzjoni lill-Ispettur Camilleri, jibqa l-fatt li anke Lihi Siv semmiet li kien hemm xi forma ta arrangament bejn l-imputata u l-operaturi ta' Captain Morgan Cruises. Il-kontenut tal-iskrittura tiskolpa ghal kollox lill-imputata u dan ghaliex jirrizulta li kienet is-socjeta' Island Sightseeing Limited li kienet assumiet l-irwol ta' employer ta' Sales Representatives u dan ghall-iskop *"to assist SDL in dissipating information to the Tourists about the Products and Services and who shall promote the Products and Services directly with the Tourists."*[41] Iktar minn hekk, kif xehed Joseph Saliba, ma kienx possibli li impjegat ikollu zewg employers ghal l-istess impjieg u gja ngabet il-prova li Kevin Zammit Briffa kien instab hati dwar l-istess akkuzi migjuba kontra l-imputata odjerna.

Illi mill-atti processwali ma jistax jinghad li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**

[40] Fol181
[41] Para 8.